maghluqa, u biż-żlieġa fuqhom. . . Fommu, li dar i jitbissimli fl-iskola, issa jinfetaħ bit-tbatija, biex jiġbed l-aħħar infies qabel il-mewt . . . Inġibu quddiem għajnejja mejjet, mimdud, isfar u sieket. . ġewwa naqra ta' tebut. . . Narahom sejrin bih jidfnuh fil-maqbar fuq il-għolja tal-Ħardôna. Jaslu. Iniżżluh fil-qabar, u jixħtu fuqu trab u żrar. Issa tassew li 'l Nonny ħadd ma jarah aktar.

Imma, dak li baqagħli minn Nonny (it-tifkiriet tiegħu) jgħix fi ħsiebi sa kemm ngħix jiena. Nibqa' narah bħal qajgħix fil-milgħab, jitgħallem fl-iskola, u nisimgħu jgħanbel, jilgħab fil-milgħab, jitgħallem fl-iskola, u nisimgħu jgħanni "God Save the King" u "Deutscheland Deutscheland uber alles", biex jurini kemm jafhom aktar mill-oħrajn. . .

BASKAL.

FRAK

IMĦABBA SIEKTA

Agħtini, Mulejja,
li nħobbok bla kliem,
u miegħek nitgħannaq
fil-bewsa tas-sliem;

Għax kbira l-Imħabba
bħal ħdan tas-smewwiet,
u s-sider tal-kelma
m'hux kbir bħal tas-skiet.

15—2—38

DUN KARM

—Rajna l-"Militia Christi" u l-"Malta Tagħna" miktuba bl-ortografija tal-*Għaqda*. Nifirħu lid-Direzzjoni tagħhom u nixtiequ li dan ikun ta' eżempju għall-oħrajn, biex ma jibqgħux ifixklu t-tagħlim tal-Malti kif hu mgħallem fl-iskejjel.

# Għajdut Malti

*Issib Għajdut iehor fil-"Malti" ta' Sett. Diċ., 1934; Ġunju, 1935 u Sett. Diċ., 1937.*

Idejh miżien
Qata' qatgħa fil-laħam il-ħaj
Rafa' l-pruwa (qata' s-sliem)
Wara li ħadulu l-bħajra għamel l-għarix
Firex is-sodda għal ħaddieħor
Il-qarnita daret għal subgħajha
Raġel biex igħid "le"
(Donnha) id Malku
Ix-xlief qasir, mhux f'idejja
Ma jaħmelx imsarnu f'żaqqu
Qiegħed fuq ix-xwiek
Isqini u saqsini
Kemm tgħid kredu, ħames kredijiet
Idu miftuħa, magħluqa
Ħa pass fil-vojt
Qatagħlu ż-żarda
Qligħ b'żejtu
Rasu ħafifa
Sibtha l-bejta tal-Merill !
Għamel Qorti fuq xejn
Temgħu r-ross bil-labra
(Kemm għad trid) tagħreq u tixraq !
X'kien fid-dinja u ma ssewwiex ?
Għamel f'qalbu
Qegħedlu z-zintlu
Għamel ta' bir-ruħu
X'aħna sbieħ min jaf jarana !
Jafha bi twila
It-temp għalaq għajnu
Irid iħabbatha ma'
Għamel il-faħam (daħal il-port)
Wiċċu għad-dawl
Kiesaħ u biered
Wasalna fejn kellna naslu
Jitla' ma' ħajt imkaħħal
Bil-ġuħ il-gawwi
Ħass qalbu tingħafas
Għajnejh akbar minn żaqqu
Jiena ħadtu l-qantar
L-għarus tafa' l-ankri
Mal-ħaġra t-tajn
Mad-daqqa t'għajn